DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 31/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness XXII (Liġi dwar il-kumpaniji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2011 tat-18 ta' Frar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward Titjib fl-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRSs) ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż segwenti jiddaħħal fil-punt 10ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008) tal-Anness XXII ta' mal-Ftehim:

"— **32011 R 0149**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2011 tat-18 ta' Frar 2011 (ĠU L 46, 19.2.2011, p. 1).".

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 149/2011 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' mieghu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 76, 15.3.2012, p. 48.
([2]) ĠU L 46, 19.2.2011, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.